# 273. Ħallelin Puliti

Fost il-ħalliela
hemm il-puliti;
dawna fis-swali
kollha tapiti

Matul il-parties
u l-ballijiet,
jafu jindieħsu
mal-prinċpijiet,

U mal-milordi
sinjuri kbar,
lilhom jisirqu
waqt ix-xalar;

Kullana ġawhar
lill-barunissa
u brazzuletta
lil xi kuntissa.

Dawn il-ħalliela
– ħalliela ġganti –
huma magħrufa
dawk tad-djamanti.

Jien ukoll għandi
kbarat bi ħbieb,
mhux tal-miljuni
iżda tal-ħsieb;

Lil daw' l-milordi
u l-prinċpijiet
jien nisirqilhom
il-ħsebijiet.

U sabiex jiena
inkun fiż-żgur,
il-ħsieb niżmatta,
u dur u dur,

Kullana ġdida
jew xi ċurkett
nagħmel, mill-proża
noħroġ sunett.

Meta ċar jidher
li l-ħsieb migruf
jien nagħmel nota:
"Il-ħsieb misluf."

Bħal tad-djamanti
ħalliel pulit;
ismi plaġjarju,
nisraq sikwit.